## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **1059/2021 (AD)**

## EKRAMY ABDEL AZIZ MOBARAK (KI 22147A)

**VS**

## L-UFFIĊJAL PRINĊIPALI TAL-IMMIGRAZZJONI U L-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors ta' Ekramy Abdel Aziz Mobarak preżentat nhar l-erbatax (14) ta' Lulju 2021 u risposta tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u tal-Kummissarju tal-Pulizija preżentata nhar id-dsatax (19) ta' Lulju 2021;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar l-erbatax (14) ta' Lulju 2021, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimati milli jenforzaw id-deċiżjoni ta' ritorn

maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni fil-konfront tiegħu fl-erbatax (14) t'Awwissu 2015;

3. Permezz ta' risposta preżentata fid-dsatax (19) ta' Lulju 2021, l-intimati opponew għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, u dan għar-raġuni illi ma jeżistux l-elementi rikjesti għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni biex l-esponenti jinżammu milli jenforzaw id-deċiżjoni ta' ritorn suriferita;

4. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2021;

**Fatti tal-Każ**

5. Il-partijiet qegħdin jaqblu illi:

    a. Minn relazzjoni bejn ir-rikorrent u ċertu Fakak Bouchra, twieldet Yasmine Mobarak fl-ewwel (1) ta' Ġunju 2005. Peress illi l-omm kienet miżżewġa lil ċertu Martin Farrugia dak iż-żmien, it-tifla ġiet reġistrata bħala bint Farrugia;

    b. Fit-28 ta' Novembru 2007, ir-rikorrent ġie kundannat tnax-il sena priġunerija. Ir-rikorrent isostni illi fil-perjodu illi dam il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, huwa baqa' f'kuntatt ma' bintu minuri u m'ommha, b'dana illi kien jgħaddi xi pagamenti bħala manteniment għal bintu. Meta ħareġ mill-ħabs, ingħaqad ma' bintu u ommha, u fetħu flimkien kumpanija bl-isem 'EBY Construction (Import / Export) Company Ltd', u bdew joperaw ħanut bl-isem 'Soap Pure';

    c. Nhar l-14 t'Awwissu 2015, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ħareġ *removal order* u *return decision* abbażi tas-sentenza kriminali suriferita. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, u fil-11 ta' Settembru 2020, il-Bord ċaħad l-appell tiegħu;

d. Ir-rikorrent appella mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), u fl-14 ta' Lulju 2021, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) kkonferma d-deċiżjoni tal-Bord bħala waħda korretta;

e. Intant, b'sentenza tas-16 t 'April 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) iddikjarat lir-rikorrent bħala l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri Yasmine Mobarak;

6. Permezz ta' rikors datat erbatax (14) ta' Lulju 2021, ir-rikorrent ippremetta illi kontestwalment mal-preżentata tal-mandat odjern, huwa kien qiegħed jippreżenta proċeduri kostituzzjonali fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kontra l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u dan stante illi bid-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa mill-istess Uffiċjal Prinċipali fl-erbatax (14) t'Awwissu 2015, l-esponenti ġarrab, għadu qiegħed iġarrab, u jista' jkompli jġarrab ksur tal-jeddijiet fundamnetali tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familjari tiegħu kif sanċiti bl-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

7. Għaldaqstant, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex tordna l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni sabiex l-intimati jinżammu milli jenforzaw id-deċiżjoni ta' ritorn datat erbatax (14) t'Awwissu 2015;

8. Mill-banda l-oħra, permezz ta' risposta preżentata fid-dsatax (19) ta' Lulju 2021, l-intimati eċċepew illi t-talba tar-rikorrent mhix mistħoqqa, u hija fiergħa għall-aħħar, peress illi ma tissodisfax imqar wieħed mit-tliet (3) rekwiżiti meħtieġa sabiex ikun jista' jiġi maħruġ mandat t'inibizzjoni. L-intimati ikkontendew illi:

a. Primarjament, ir-rikors huwa pjuttost xott stante ma jindikax il-jedd *prima facie* illi r-rikorrent qed jivvanta li għandu, u lanqas ma jindika mad-daqqa t'għajn il-preġudizzju li se jġarrab jekk isiru l-ħwejjeġ li huwa qed jitlob li jinibixxi;

b. Meta talba għall-ħruġ ta' mandat tkun qed issir kontra l-Gvern jew kontra xi persuna b'kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, b'żieda maż-żewġ elementi suriferiti, jeħtieġ ukoll illi jissussistu żewġ elementi oħra, u cioe (a) li l-ħaġa li r-rikorrent qed jitlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq fuq ir-rikorrent tkun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma. Dan ai termini tal-art 873(3) tal-Kap 12;

c. Ir-rikorrent *prima facie* m'għandux dawk il-jeddijiet li qed jippretendi li għandu, u dan stante illi:

   i. Wara l-ħruġ tal-ordni ta' tneħħija fil-konfront tar-rikorrent, huwa intavola appell quddiem l-Immigration Appeals Board, liema appell ġie miċħud u konfermat mill-Qorti tal-Appell. Għaldaqstant jirriżulta illi d-deċiżjoni tal-intimat l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni hija legalment fondata;

   ii. Ir-rikorrent ma ġabx prova illi għandu *a positive familiar relationship* mal-minuri Yasmine Mobarak;

   iii. Fi kwalunkwe każ, il-jedd a bażi tal-art 8 tal-Konvenzjoni mhux wieħed awtomatiku u assolut. Id-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni hija leġittima u ġustifikata f'dan il-każ, minkejja l-intereferenza fil-ħajja familjari tar-rikorrent, stante illi taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurta' pubblika;

   iv. Il-fatt illi r-rikorrent ma jibqax jirrisjedi Malta mhix ser twaqqaf il-kawża Kostituzzjonali illi huwa fetaħ f'Malta milli tkompli tinstema' fl-assenza tiegħu;

   v. Finalment, ir-rikorrent kien instab ħati tar-reat ta' traffikar tad-droga, u kellu jiskonta tnax (12)-il sena priġunerija. In oltre, l-attur mhux miżżewweġ lil omm il-minuri, u l-minuri llum il-

ġurnata għandha sittax (16)-il sena. Ma jirriżultax għalhekk illi l-minuri jew l-attur ser jiġu preġudikati jekk l-attur jiġi mġiegħel jirritorna f'pajjiżu;

d. L-attur diġa intavola kawża Kostituzzjonali, u għalhekk il-jedd li qed jippretendi illi għandu diġa huwa kawtelat. Għaldaqstant, jirriżulta nieqes il-ħtieġa tal-mandat odjern sabiex jikkawtela d-drittijet tiegħu;

e. Ir-rikorrent ma ppruvax sal-grad rikjest mil-Liġi li l-preġudizzju li ser isofri hu sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

9. Għar-raġunijiet premessi, l-intimati sostnew illi t-talba tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda.

**Il-Qorti**

10. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati; u

11. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2021;

12. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

13. Fl-ewwel lok, issir referenza għall-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, illi jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

14. Peress illi l-mandat odjern ġie intavolat kontra l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u l-Kummissarju tal-Pulizija, għandu japplika wkoll għall-każ in eżami dak stabbilit fis-sub-inċiż tlieta (3) tal-Art 873, u cioe:

> *Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorita' jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

15. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta (3) huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni in ġenerali:

    a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent għandu xi jedd *prima facie*;

    b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qed jippretendi illi għandu;

    c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimati jiġu inibiti milli jagħmlu, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

16. In oltre, f'talba għal ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, jeħtieġ illi jiġu sodisfatti żewġ elementi oħra:

a. Dikjarazzjoni illi l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir;

b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi jekk ma tintlaqax it-talba għall-ħruġ tal-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lir-rikorrent ser ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-għemil illi r-rikorrent ikun qiegħed jipprova jżomm milli sseħħ.

17. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[1]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

18. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[2]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew*

[1] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana
[2] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

*ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

19. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[3]:

> *Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

20. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimat hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat

---

[3] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrent, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

21. Minkejja l-fatt illi fil-każ ta' mandat t'inibizzjoni in ġenerali ġurisprudenza kostanti tgħallem illi l-preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddjiet tar-rikorrent għandu jkun wieħed irrimedjabbli, dan mhux il-każ f'mandat t'inibizzjoni mitlub kontra l-Gvern jew awtorita' pubblika mwaqqfa mill-Kostituzzjoni, jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha. Difatti, ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Vitus Chibuihe Ohanebo et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija bħala Principal Immigration Officer***:

> *Tqis li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum (b'seħħ minn Ottubru tal-2006), m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun* **sproporzjonat**. *Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;*[4] (emfasi miżjuda)

22. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana, fosthom mid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Sultana vs Sultana*** suċitat, illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-*

[4] Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef. Ara wkoll ***Noureddin Guma Hamid vs Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni***, Mandat Nru 860/2008/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 19 ta' Ġunju 2008, Onor Imħ Joseph R Micallef; ***Kevin Micallef vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***, Mandat Nru 1731/2008/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 24 ta' Novembru 2008, Onor Imħ Joseph R Micallef; u ***Geoffrey Azzopardi et vs Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 121/2021/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 23 ta' Frar 2021, Onor Imħ Anna Felice

*applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[5]

23. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża:

## A. <u>L-Ewwel Rekwiżit: Għandu jirriżulta illi r-Rikorrent għandu jedd *prima facie*</u>

24. Primarjament jiġi senjalat illi, mal-qari tagħha tar-rikors in eżami, il-Qorti sabet diffikolta' sabiex tiddistingwixxi preċiżament liema hu l-jedd *prima facie* illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi jiġi kawtelat fiċ-ċirkostanzi, u cioe jekk hux: (a) id-dritt għall-ħajja privata u familjari ai termini tal-Art 32 tal-Kostituzzjoni u l-Art 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, (b) id-dritt għal aċċess effettiv għal rimedju ġudizzjarju (peress illi ġiet intavolata kawża kostituzzjonali kontestwalment mal-mandat odjern, liema kawża jkollha tinstema' fl-assenza tar-rikorrent jekk jintbagħat lura lejn pajjiżu), jew (c) dawn iż-żewġ drittijiet flimkien;

25. Il-Qorti tinnota illi fit-trattazzjoni tal-mandat odjern quddiem din il-Qorti, il-legali tar-rikorrent kjarifikat illi l-jedd illi r-rikorrent għandu interess illi jikkawtela bil-proċeduri odjerni huwa d-dritt għall-ħajja privata u familjari tiegħu, u għalhekk din il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha f'dan il-kuntest;

26. Jirriżulta mid-dokumenti esebiti s-segwenti:

[5] Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

a. **Dok EM4** anness ma' Dok A (anness mar-rikors) huwa prova tal-fatt illi r-rikorrent huwa rikonoxxut bħala missier il-minuri fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha. Dan wara illi intavola proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jiġi hekk rikonoxxut fil-25 t'Ottubru 2019 (vide **Dok A** anness mar-rikors, para 11);

b. Il-fatti delineati fid-**Dok A** anness mar-rikors, liema dokument huwa kopert bil-ġurament illi r-rikorrent ħa fuq il-mandat mal-preżentata fir-Reġistru tal-istess, jagħtu idea tar-relazzjoni illi għandu l-missier ma' bintu. Din, naturalment, hija l-verżjoni tar-rikorrent stess;

c. Minn **Dok EM5** anness ma' Dok A (anness mar-rikors) jirriżulta illi l-Bord t'Appell dwar l-Immigrazzjoni ddeċidiet illi fil-każ odjern, *"there is absolutely no evidence that the appellant and his daughter have any meaningful familial connection notwithstanding the established biological relationship"*, u kien a bażi ta' din il-konklużjoni illi l-istess Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent;

d. Minn **Dok PIO2** anness mar-risposta tal-intimati jirriżulta illi l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ċaħdet l-appell ta' Mobarak għall-istess raġunijiet mogħtija mill-Bord t'Appell dwar l-Immigrazzjoni, u cioe illi r-rikorrent kien naqas illi jipprova illi hemm relazzjoni bejnu bejn bintu;

27. Din il-Qorti, considerando l-mansjoni limitata tagħha, mhix sejra tidħol fil-mertu tar-relazzjoni illi għandu r-rikorrent ma' bintu; iżda, għall-fini tal-proċedura odjerna, il-Qorti trid teżamina jekk, *prima facie*, jissussistix fil-każ in eżami d-dritt għal ħajja privata u familjari a bażi tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

28. Wara li fliet id-dokumenti suriferiti, il-Qorti qed issibha diffiċli sabiex, mad-daqqa t'għajn, tikkonsidra bħala aktar plawsibbli l-verżjoni mogħtija mir-rikorrent, u cioe illi jissussisti xi dritt għal ħajja familjari fil-każ in eżami illi jeħtieġ illi jiġi kawtelat;

29. Il-verżjoni tar-rikorrent dwar ir-relazzjoni ma' bintu hija kontrastata minn (a) deċiżjoni ta' Bord imparzjali; (b) deċiżjoni ta' Qorti t'Appell; u (c) l-fatt illi kien biss fis-sena 2019 illi r-rikorrent intavola proċeduri sabiex jiġi rikonoxxut bħala missier bintu, meta t-tifla diġa' kellha erbatax (14)-il sena. Il-Qorti hija aktar inklinata illi tagħti piż lil osservazzjonijiet magħmula minn terzi imparzjali, b'mod partikolari meta ma nġabet l-ebda prova oħra, għajr iċ-ċertifikat tat-twelid u l-kelma tar-rikorrent stess, illi hemm lok illi jiġi protett bi proċeduri straordinarji ta' din ix-xorta id-dritt tar-rikorrent taħt l-Art 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;

30. Għaldaqstant, tenut kont ta' dan, il-Qorti tqis illi l-jedd *prima facie* ma jissussistix, u **<u>l-ewwel rekwiżit ma ġiex sodisfaċentement pruvat</u>.**

## **<u>B. It-Tieni Rekwiżit: Il-Mandat għandu jkun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-Rikorrent</u>**

31. Minkejja l-fatt illi, fin-nuqqas tal-ewwel element, din il-Qorti għandha bażi illi fuqha tista' tiċħad it-talba għall-mandat odjern, il-Qorti ma tistax ma tagħmilx referenza għall-fatt illi mhux talli l-jedd tal-ħajja privata u familjari huwa diġa' kawtelat permezz tal-kawża kostituzzjonali minnu intavolata, iżda talli dan jifforma l-mertu tal-istess, b'dana illi t-talbiet tar-rikorrent fl-istess kawża kostituzzjonali huma sabiex il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi bid-deċiżjoni ta' ritorn in kwestjoni, *"ir-rikorrent ġarrab, qiegħed iġarrab u/jew jista' jġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familjari tiegħu"* (**Dok A** anness mar-rikors);

32. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi **<u>lanqas jissussisti sodisfatt it-tieni rekwiżit</u>.**

## **<u>C. It-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Rekwiżiti</u>**

33. Peress illi jirriżultaw neqsin żewġ (2) rekwiżiti mill-ħamsa rikjesti sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, u peress illi, hekk kif ġie

ampjament diskuss aktar 'il fuq, dawn l-elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi, il-Qorti sejra **<u>tastjeni</u>** milli tikkonsidra l-eżistenza o meno tat-tliet (3) rekwiżiti l-oħra rikjesti mil-liġi sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni.

**Decide**

34. Għal dawn il-motivi, billi l-Qorti hija tal-fehma illi ma jikkonkorrux l-elementi kollha meħtieġa għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad</u>** it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kif dedotta kontra l-intimati.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrent.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ħamis, 5 t'Awwissu 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Graziella Abela**
**Deputat Reġistratur**